

# Id-Dfin fil-Knisja Parrokkjali

## *qabel sar il-Paviment*

*Kitba ta'*

**Anthony Bezzina**

Il-Qrendi nqata' miż-Żurrieq u sar parroċċa awtonoma fl-1618 fi żmien l-Isqof Baldassare Cagliares. Wieħed jifhem li meta nbniet l-ewwel knisja parrokkjali fir-raħal beda wkoll isir id-dfin fiha kif kien isir f'kull parroċċa oħra madwar Malta. Id-dfin fil-knisja baqa' jsir għal ħafna u ħafna snin wara, għajr għal dawk li jkunu mietu b'xi tip ta' mard li jittieħed, li kienu jindifnu fiċ-ċimiterju ta' l-Għars.



Sal-bidu tas-snin ħamsin, qabel ma sar il-paviment tal-knisja, l-art kienet tikkonsisti f'ħafna oqbra mgħottijin b'kaptelli. Fil-festi dawn l-oqbra kienu jitgħattew bil-klin u r-rand biex minbarra li tittaffa xi ftit id-dehra ma jkunx hemm irwejjaħ.

F'dawk iż-żminijiet id-dfin kien isir hekk: Meta l-funeral kien isir filgħodu, wara l-quddiesa ta' l-ewwel, li kienet issir fl-4.30 kien joħroġ il-korteo funebri mill-knisja sad-dar tal-persuna li tkun mietet. Qabel il-gwerra ir-reffiegħa kienu jkunu l-fratelli stess. Meta l-funeral jasal lura fil-knisja t-tebut jitqiegħed fin-nofs fuq il-banketti u jkun imdawwar bix-xemgħa, jiddependi ma' kemm il-fratellanza kien ikun miktub. Kienet tibda l-uffiċċjatura u wara ssir il-quddiesa kantata u d-difna.

Jekk il-persuna mejta kienet tinġarr fil-knisja filgħaxija u ma jkunx għadu għalaq l-24 siegħa mejjet, kien jinżamm fuq bankun u miegħu kien irid joqgħod xi ħaddieħor għassa sal-ħin tal-funeral l-għada filgħodu. Mas-sebħ imbagħad kienet issir il-funzjoni u waqt id-difna jkun irid ikun preżenti il-kappillan jew xi pulizija bħala xhud tad-difna.

Ma dan l-artiklu qed nipproduċu pjanta tal-knisja u kif kienu mqassmin uħud mill-oqbra. Il-knisja kienet kollha oqbra, ħafna kienu tal-komun filwaqt li kien hemm oħrajn ta' nies tat-tajjeb li kienu jżejnu l-oqbra



tagħhom b'lapidi ta' l-irħam interzjati, tat-tip li naraw fil-konkatidral ta' San Ġwann. Ħamsa minn dawn il-lapidi tassew sbieħ jinsabu fis-sagristija tal-knisja.

Fil-kor kien hemm tliet oqbra tal-qassisin (1) li baqgħu jintużaw sakemm saru oħrajn biswit l-artal ta' Lourdes fil-kappellun ta' l-Agunija. F'dan il-kappellun insibu l-qabar ta' Dun Franġisk Bugeja (2) li miet fit-22 t'April 1915 fl-età ta' 76 sena, filwaqt li biswit l-artal ta' Lourdes (3) hemm il-qabar fejn kienu midfuna Dun Santu Agius li miet fit-18 t'Awwissu 1931 kif ukoll in-neputi tiegħu Dun Mattew Magro li miet fid-29 ta' Jannar 1927 fl-età ta' 30 sena. Ta' min jinnota li dawn l-oqbra kienu jinżlu fihom b'taraġ li jwassal sa kamra ċkejkna taħt l-artal ta' Lourdes li fiha kienu jitqiegħdu l-mejtin.

Fil-korsija fuq nett kien hemm sett oqbra tal-familji li kienu mgħottija b'lapidi żgħar ta' l-irħam (4) u warajhom sett ieħor tat-trabi (5). Biswit l-artal tal-Kunċizzjoni, qrib il-fonti, kien hemm il-qabar tal-Kappillan Antonio Mizzi (7) li miet fil-11 ta' Novembru ta' l-1804 fl-età ta' 80 sena u wara 48 sena bħala Kappillan tal-parroċċa. Qribu nsibu l-qabar (6) ta' żewġt aħwa qassisin, Giovanni Bonanno li miet fl-1848 u Michele Bonanno li miet fl-1867.

Fil-kappellun tar-Rużarju kien hemm ukoll oqbra oħrajn ta' ċertu mportanza:

Il-qabar biswit l-artal tar-Rużarju (8) kien midfun fih Dun Ċelest Camilleri li miet fl-14 ta' Novembru 1818. Il-qabar biswit l-artal tal-Karmnu (9) kien tal-familja Xuereb. Kien ukoll qabar bit-taraġ li kien jibda minn nofs il-kappellun u jwassal għall-kamra tad-dfin taħt l-istess artal. Aktar 'il quddiem u taħt il-presbiterju kien hemm il-qabar tal-familja De Piro (10).

L-aħħar dfin li sar fil-knisja kien fil-21 ta' Diċembru 1952. Is-Sagristija (11) kienet tintuża bħala ossarju (jew kif nafuha kennierja) u kien fiha żewġ bokok (A u B) li llum huma magħluqin.

Qabel ma beda x-xogħol tal-paviment ta' l-irħam fil-knisja, dawn l-oqbra tnaddfu u l-fdalijiet ġew miżmuma fl-ossarju fis-sagristija. Wara ngħata l-konkos fl-art u beda jitwaħħal l-irħam. B'hekk id-dfin fil-knisja spiċċa u beda jintuża ċ-ċimiterju tal-parroċċa.

*Nirringrazzjaw lis-Sur Pinu Axiaq ta' l-informazzjoni dwar dan is-suġġett.*